# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġiżlatura

Laqgħa Numru 2/2022

15 ta' Frar, 2022

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-4:30 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Publio Abdilla | Kunsillier |
| Mark Cocker | Kunsillier |

Uffiċċjal Preżenti:

Doris Baldacchino: Segretarju Eżekuttiv

**2.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**2.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

2.2 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla kif kienet ġiet it-tabella (ref punt 1.3.5 ) Il-Kunsillier ikkonferma li kienet ġiet tajba.

2.1.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li ref punt 1.3.3 (dawl baxx) kienet semmiet Triq San Pawl ukoll.

2.1.4 Is-Sindku qal li ref punt 1.2.4 (vultaġġ baxx) kienu daħlu ammont ta' ilment minn diversi toroq pero' jidher li l-problema kienet ser tiġi ndirizzata mill-Enemalta għaliex il-Kunsill kien irċieva konferma li kienu ser isiru xi xogħolijiet minħabba f'din il-problema f'diversi zoni.

2.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk kinux ser isiru l-Yellow lines fi Triq San Pawl.(ref punt 1.2.5) wara l-inċident. Il-Kunsill ikkonferma li l-Kunsill kien ser jistenna li jiġi mplimentat il-Proġett ta' Slow Streets qabel tiġi deċiża jekk għandhomx isiru l-yellow lines.

2.1.6 Is-Sindku kkonferma li l-bandiera (ref punt 1.3.4) kienet twaħħlet.

2.1.7 Is-Sindku kkonferma li l-ħadid biex jingħalqu l-bjar fi Ġnien Sir Alexander Ball (ref punt 1.3.7) kienu qed jinħadmu u magħhom kienet qed tinħadem il-gate tal-bandli.

2.1.8 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li ref punt 1.3.6 (tappiera fi Triq San Pawl) kienet tranġat.

2.1.9 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li ref punt 1.2.7 (murial fil-grawnd) ssir filata ċatta fuq il-ħajt tal-Iskola sabiex iż-żebgħa tal-Murial isservi aktar.

2.1.10 Is-Sindku qal li ref punt 1.3.9 (żebgħa mar-rounabout) kienet ġiet approvata minn Transport Malta u kkonferma li ma kinitx ser tinżebagħ kollha.

2.1.11 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li l-funtana ta' Triq il-Karwija ma kinitx ġiet kif kien jixtieq il-Kunsill. Il-Kunsillier qal li l-jett tal-funtana kien baxx ħafna u li bil-kemm kien jidher. Is-Sindku ta' spjegazzjoni kif kienu qed jaħdmu l-panelli foltovoltajiċi. Wara l-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsill ried jagħżel jekk inħaddimx il-jett għal tlett sigħat qawwija jew inkella sitt sigħat b'jett iżgħar. Il-Kunsill qabel li għax-xhur tax-xitwa nħalluha kif inhi imbagħad fis-sajf inżidu l-jett ta' fuq.

**2.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

2.2.1 Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera sabiex jattendu għall-preżentazzjoni tal-booklet tal-Cultural Heritage li kienet ser issir il-Ġimgħa ta' wara l-laqgħa bejn id-9:00am u d-9:30am. Huwa spjega li l-Kunsill kien ser jagħti kopja tal-booklet lit-tfal bejn year 3 u year 6 imbagħad wara nagħtu dejjem lil year 3's.

2.2.2 Is-Sindku qal li il-Ħamis 17 ta' Frar il-Kunsill kien ser jattendi laqgħa rigward it-Traffic Management quddiem it-traffic management board. Is-Sindku spjega li għal din il-laqgħa kien ser jattendi flimkien mal-Perit li ħa ħsieb il-proġett u l-Kunsillier responsabbli mit-traffiku is-Sur Mark Cocker. Is-Sindku spjega li qabel isir dan il-meeting ma setgħetx tittieħed ebda deċiżjoni.

2.2.3 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li x-xogħolijiet fuq il-ħajt li kien waqa' bix-xita fi Gnien Sir Alexander Ball kienu tlestew.

2.2.4 Is-Sindku qal li t-tħawwil tas-siġar taċ-ċitru fi Ġnien Sir Alexander Ball kien tlesta.

2.2.5 Is-Sindku għarraf li l-attivita' li kienet ser issir minn Grow Trees quddiem il-Binja tal-Kunsill kienet ippjanata għal nhar il-Ħadd 3 ta' April, 2022. Is-Sindku spjega li din l-attivita' kienet ser issir b'mod volontarju fejn ser jinqalgħu s-siġar invasivi u jitħawlu arbuxelli ndiġeni. Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera sabiex min ikun nteressat li jattendu kif ukoll l-istudenti li għandhom bżonn jagħmlu xogħol volontarju jista' jagħmlu dan permezz ta' din l-attivita'.

2.2.6 Is-Sindku spjega li l-konfini tad-Distretti tal-pulizija kienu nbiddlu. Huwa qal li kien sar jaf minn sorsi mhux relatati mal-Kunsilli u meta kien iċċekja mas-Sindki tal-viċin u mal-AKL. Is-Sindku kompla jispjega li Ħal Safi kien ser ikun taħt l-ispettur ta' Birżebbuġa u li minn kellu bżonn li jagħmel rapport jew iħallas liċenzja issa ser ikollu bżonn imur l-għassa taż-Żejtun. Is-Sindku qal li hu ma kienx qed jaqbel ma' dan it-tibdil ghaliex jemmen li se jikkawza inkonvenjent lir-residenti u anke kiteb lill-AKL u ltaqa' mad-Deputat Kumissarju tal-Pulizija dwar dan. Is-Sindku qal ukoll li kellu laqgha ohra separata mal-Ispettur ta' B'Bugia fejn fiha spjegalu l-problemi li jezistu fil-lokalita' ta' Hal Safi u talbu biex certu zoni fosthom il-bandli jinghataw priorita' u tizdied is-sorveljanza fihom.

2.2.7 Is-Sindku qal li kien attenda laqgħa mal-fundatur tal-fondazzjoni Nanniet. Hu ta' spjegazzjoni kif kienet taħdem din il-fondazzjoni u li x-xewqa tagħhom kienet li jkomplu jespandu f'aktar lokalitajiet. Is-Sindku qal li kien irċieva talba sabiex jagħmlu ftehim ta'

koperazzjoni bejn il-Fondazzjoni u l-Kunsill Lokali li jinkludi li jaghmlu użu mis-Sala tal-Kunsill għall-darba fil-ġimgħa filgħodu. Il-Kunsill qabel.

2.2.8 Is-Sindku qal li waqt laqgħa li l-Kunsill kellu mal-Iskola Primarja dwar il-proġett ambjentali ġie infurmat li l-Iskola Primarja ta' Ħal Għaxaq kienu ser isirilha *refurbishmen*t u għalhekk it-tfal kienu ser jiġu rilokali f'lokalitajiet oħra fosthom fl-iskola Primarja ta' Ħal Safi. Is-Sindku qal li sa issa jidher li f'Ħal Safi ser ikun hawn il-klassijiet tar-raba', il-ħames u s-sitt sena. Is-Sindku qal li kien diga' kiteb lill-Principal tal-Kullegg fejn talab sabiex il-Kunsill jinghata izjed informazzjoni b'mod partikolari fuq dawk il-materji li kienu b'xi mod se jaffetwaw lill-Kunsill Lokali. Is-Sindku qal li kien ser jaġġorna l-Kunsill meta jkollu aktar informazzjoni.

**2.3 Twegibiet ghal Mistoqsijiet**

2.3.1 Il-Kunsillier is-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li kellha l-ħsieb li torganizza mixja.

2.3.2 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi rigward il-bankina fi Triq l-Iskola. Is-Sindku kkonferma li din ġiet approvata minn Transport Malta u s-sid kien ġab l-approvazzjoni mill-ġirien ukoll.

2.3.3 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa rigward il-binja li kienet qed issir fis-service road ta' Triq il-Kuċċard u li ma kienx għamel l-bankina. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jekk il-Kunsill iqabbdu jagħmel il-bankina t-triq kienet ser tidjieq wisq u toħloq aktar periklu.

2.3.4 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa rigward il-plakka fuq barra taċ-Ċentru tad-Dimensja bl-isem Dun Karm Lia li ma saritx. Il-Kunsill qabel li nagħmlu talba lill-active ageing b'kopja lill-Kappillan.

**2.4 Jum Ħal Safi**

Il-Kunsill iddiskuta Jum Ħal Safi li din is-sena kien ser jiġi ċċelebrat nhar il-Ħadd 24 ta' April 2022.

Il-Kunsill qabel li bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet isiru s-Serata Premju Onorefiċjenza, il-Banda l-Ħadd filgħodu, Quddiesa ta' Radd ta' Ħajr u riċeviment wara l-Quddiesa.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla fakkar sabiex ma ninsewx li l-Kunsill is-soltu jagħti apprezzament lil min ikun għamel ġieh lil-lokalita' u lil pajjiżna f'xi qasam partikolari.

## 2.5 Proġett Ambjentali 2022

Is-Sindku qal li Ambjent Malta kienet ħarġet skema Ambjentali. Huwa qal li l-Kunsill kien iltaqa' mal-Kap u l-Viċi Kap tal-Iskola sabiex, bħala Kunsill Lokali ningħaqdu mal-Iskola u Eko-Skola biex isir proġett flimkien li permezz tiegħu jinżergħu numru ta' arbuxelli ndiġeni f'biċċa area bil-ħamrija li hemm fl-Iskola. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma din il-proposta.

## 2.6 Installazzjoni ta' Outdoor Ground Fixed Percussin Exhibits

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva skema mill-Ministeru għall-Ugwaljanza, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni fejn il-Kunsill seta' japplika sabiex tiġi nstallata Outdoor Ground Fixed Percussion Exhibits. Is-Sindku spjega li għal din l-inizjattiva ma kienx hemm spejjeż involuti, pero' kien jinħtieg li jsir iż-żamma u l-manutenzjoni tal-istess Fixed Percussion mill-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta l-post fejn l-aħjar jitwaħħal il-Fixed Percussion u qabel li għandna napplikaw sabiex titwaħħal fil-Bandli sabiex tkun monitorata anki mic-CCTV.

## 2.7 Korrispondenza

Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tal-incoming mail lill-Kunsilliera u saret diskussjoni fuq diversi e-mails li rċieva l-Kunsill.

## 2.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

## 2.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fil-6.30pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ġimgħa 11 ta' Marzu, 2022 fl-4:00pm.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Johan Mula<br>Sindku | Doris Baldacchino<br>Segretarju Eżekuttiv |